MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 456/2003

**Blye Engineering Co. Ltd**

**vs**

**Vincent Cuschieri Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fit-12 ta` Mejju, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta s-somma ta` sebat elef tmien mija sitta u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm7,896.06) bhala bilanc mill-prezz ta` *"cold room"* u zewg *"refrigeration systems"* mahduma u stallati fuq ordni taghha skond l-*"acknowledgement of order"* tal-11 ta` Marzu, 1999 minnhom iffirmata, kif ukoll is-*"sales invoice"* numru 3435

tal-21 ta` Ottubru, 1999 u l-*"istatement of account"* tas-6 ta` Marzu, 2003 (hawn esibiti bhala Dok. A sa C);

Ghalkemm interpellata biex thallas bl-ittra interpellatorja tal-4 ta` Frar, 2003, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq riferita ta` sebat elef tmien mija sitta u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm7,896.06) bhala bilanc minn somma akbar minnha dovuta kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta` Frar, 2003 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-fattura tal-21 ta` Ottubru 1999 kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti legali taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Preliminarjament, s-socjeta` konvenuta mhix il-legittima kontraditrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici gie kopert b`sett ta` kambjali mahruga minn Concept Ltd u ffirmati a favur Blye Engineering Co Ltd.

3. Is-socjeta` konvenuta mhix debitrici tas-socjeta` attrici u kwindi t-talbiet tal-istess socjeta` attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. L-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) u (b) u l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici hadet ordni minghand is-socjeta` konvenuta ghall-istallazzjoni ta` kamra tal-friza f`supermarket tas-socjeta` konvenuta. L-ordni saret mis-socjeta` konvenuta, li kienet iffirmat l-*"Acknowledgement of Order"* fil-11 ta` Marzu, 1999. Is-socjeta` attrici lestiet l-ordni u fil-21 ta` Ottubru, 1999, harget l-invoice fuq is-socjeta` konvenuta ghas-somma ta` Lm12,765.

Wara xi zmien, John Cuschieri, f`isem is-socjeta` konvenuta, avvicina lis-Sur Raymond Mallia, tas-socjeta` attrici, u staqsieh jekk kienx jimporta li l-hlas isir minn terzi persuni; indikalu l-ismijiet ta` Bernard Sullivan u ta` Alex Zammit bhala il-persuni li kellhom jaghmlu l-hlas. Il-hlas kellu jsir minn dawn il-persuni peress li s-supermarket beda jigi operat minnhom. Is-Sur Mallia wiegeb li ghalih ma kienetx taghmel differenza min ihallas, diment li isir il-hlas. Peress li dawn il-persuni accettaw li jhallsu ghall-kamra tal-friza, izda b`rati mensili, is-socjeta` attrici harget kambjali fuq il-kumpanija taghhom, Concept Ltd. Is-socjeta` attrici ma hargetx credit note favur is-socjeta` konvenuta u lanqas invoice gdida fuq it-terzi persuni li accettaw li jhallsu, u s-sale baqghet registrata fuq isem is-socjeta` konvenuta u l-ircevuti tal-hlasijiet li saru hargu

wkoll fuq isem is-socjeta` konvenuta, u dana peress li l-ircevuti johorgu dejjem fuq il-persuna jew socjeta` li fuq isimha jinhareg l-invoice. Il-kambjali fuq *Bulkies Supermarket – Concept Ltd* inhargu biex is-socjeta` attrici jkollha record tal-arrangament li kien sar ma` dik il-kumpanija.

Wara dan l-arrangament, bdew isiru xi hlasijiet mit-terzi persuni tramite cheques ta` Concept Ltd, account Baymart Supermarkets. Is-socjeta` attrici kienet issarraf dawn ic-cheques, u tiddebita l-hlas kontra l-kont tas-socjeta` konvenuta. Wara li saru diversi hlasijiet, il-hlas waqaf, bl-ahhar pagament isir fil-31 ta` Lulju, 2001, u thalla bilanc ta` Lm7,896.06.

Meta waqfu l-pagamenti, s-socjeta` attrici avvicinat lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas tal-bilanc, izda din qalet li, efettivament, kienet saret novazzjoni *ex parte debitoris*, u d-dejn issa kien ta` Alex Zammit u Bernard Sullivan u / jew Concept Ltd. Is-socjeta` attrici ma taccettax li sar ftehim f`dan is-sens, izda li l-ftehim kien li s-socjeta` attrici kienet lesta taccetta hlas anke minghand terzi. Subordinatament, is-socjeta` konvenuta teccepixxi, fil-konfront taghha, il-preskrizzjoni ai termini tal-artikoli 2148 (a) u (b) u 2149 (a) tal-Kodici Civili.

Fuq l-ewwel kwistjoni, l-artikolu 1179 (b) tal-Kodici Civili jghid li hemm novazzjoni *"meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur"*. Issa skond il-gurisprudenza lokali, biex jista` jinghad li sehhet novazzjoni *"mhux mehtieg li l-animus novandi tkun espressa, u tista` anke tkun tacita, pero`, irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta` taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni"* (Kollez. Vol. XLII.II.928). F`dan il-kaz, din il-Qorti ma tara ebda kontradizzjoni bejn il-volonta` tas-socjeta` attrici li jzomm ferm il-kreditu taghha kontra s-socjeta` konvenuta, u taccetta hlas minghand terzi. Skond il-ligi, il-hlas jista` jsir minn terza persuna, anke jekk din ma jkollhiex interess fiha (artikolu 1148 ibid), u l-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta` vantagg ghad-debitur (artikolu 1149 ibid), u allura l-fatt li s-socjeta`

attrici accettat li tircievi hlas minghand terzi, zgur li ma jistax jitqies bhala ftehim in kontradizzjoni tal-kreditu originali.

Kif jinghad ukoll fil-ligi, biex ikun hemm novazzjoni, id-debitur originali jrid jigi mehlus mill-kreditur, u *"il creditore occorre che liberi espressamente e univocamente l`originario debitore delegante"* (Kollez. Vol. XXVIII.III.1212). Kif tkompla jinghad f`din l-ahhar riportata sentenza, f`kaz li d-debitur originali jindika persuna ohra li tkun accettat li taghmel il-pagament, kull ma jigri hu li *"il nuovo debitore delegato diventa coobligato col primo, e cioe` un suo fideiussore o garante"*. Dan il-punt gie konfermat fil-kawza "Wilcox vs Pisani", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta` Gunju, 1989, fejn gie osservat li jekk issir delegazzjoni ghall-hlas, u din tigi accettata mill-kreditur, dik il-persuna hekk delegata tidhol hi wkoll personalment responsabbli ghall-hlas tad-debitu. Din ic-cirkostanza ma tilliberax, pero`, lid-debitur originali sakemm ma jirrizultax b`mod *"car u univoku"* li gie mehlus. Kif intqal ukoll fil-kawza riportata fil-Vol. XLII.II.928, *"jekk ikun il-kaz ta` persuna li toffri li thallas minflok id-debitur jekk dan ma jhallasx, dik l-offerta ma tammontax ghal novazzjoni; offerta simili tista` tohloq biss fidejussjoni, u mhux assunzjoni ta` dejn b`liberazzjoni tad-debitur principali"*.

F`dan il-kaz, ma jistax jinghad li jirrizulta *"car u univoku"* li s-socjeta` attrici illiberat lis-socjeta` konvenuta mill-obbligu taghha ghal hlas. Qatt ma sar diskors f`dan is-sens, u n-negozju baqa` registrat fuq isem is-socjeta` konvenuta. Il-fatt li saru xi hlasijiet mis-socjeta` Concept Ltd, u dawn gew accettati, u din il-kumpanija giet ukoll interpellata tkompli bil-pagamenti, ma jwassalx ghal novazzjoni, ghax kif intwera, meta jkun hemm 'l hekk imsejjah *"contratto di accollazione"* li jkun accettat mill-kreditur, id-delegat jassumi obbligu personali li jaffettwa l-pagament, u l-kreditur ghandu d-dritt jitlob hlas minghandu wkoll (ara wkoll Kollez. Vol. XVIII.III.21; XXVII.I.817; u XXX.II.12).

Lanqas il-fatt li s-socjeta` attrici harget kambjali fuq Concept Ltd m`ghandu jitqies bhala novazzjoni. Dan

johrog car mill-artikolu 1182(1) tal-Kodici Civili li jiddisponi li:

*"L-accettazzjoni ta` biljetti jew titoli negozjabbli ohra ghal dejn ta` qabel, ma ggibx novazzjoni, meta ma jidhirx bic-car minn cirkostanzi ohra li l-hsieb kien li jigi maqtul dak id-dejn ta` qabel"*.

Il-gurisprudenza lokali hi wkoll konformi ma dan, u l-hrug tal-kambjali dejjem gie meqjus li ma johloq ebda novazzjoni, peress li dawn jinhargu biex jigi stabbilit biss il-mod tal-pagament, u xejn aktar (ara Kollez. Vol. XIV.386; Vol. XXIX.III.80; u Vol. XXIX.II.808).

Hu principju li, f`kaz ta` dubju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza (Kollez. Vol. XXXIV.II.657; Vol. L.I.412), u f`dan il-kaz il-Qorti ghandha aktar minn dubju biex teskludi n-novazzjoni.

Darba li, fil-fehma tal-Qorti, l-obbligazzjoni baqghet tas-socjeta` konvenuta, trid issa tigi mistharga l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta` konvenuta fis-sens li l-azzjoni attrici hi preskritta skond l-artikoli 2148 (a) u (b) u 2149 (a) tal-Kodici Civili.

Il-preskrizzjoni dwar appalt tapplika ghall-kazijiet fejn persuna twettaq hidma spekulattiva li r-riskju taghha jibqa` fil-persuna li taghmel ix-xoghol sakemm issir il-kunsinna. B`mod partikolari gie stabbilit li, dwar azzjoni fejn persuna tfittex ghall-hlas ta` xoghol li tkun wettqet ghal stallazzjoni ta` servizz f`post ma japplikax l-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili, li jirreferi ghall-kazijiet ta` xoghol imwettaq bl-imnut (Kollez. Vol. XLVII.I.102). Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, zgur li ma jistax jinghad li dan tal-ahhar kien l-arrangament milhuq bejn il-partijiet. Dan jghodd ukoll ghall-preskrizzjoni registrata fl-artikolu 2148 (b). F`kaz li jolqot l-intrapriza tas-socjeta` attrici, wara kollox, diga` gie deciz li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta` sentejn (ara "Mallia noe vs Busuttil noe", deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru, 1995).

Stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta` sentejn, ai termini tal-artikolu 2149 (a), jidher li bejn li tlesta x-xoghol (21 ta` Ottubru, 1999, data tal-invoice), u giet intavolata din il-kawza (12 ta` Mejju, 2003), ghaddew aktar minn sentejn. Is-socjeta` attrici tissottometti li dan il-perjodu gie interrott bil-pagamenti li saru akkont. M`hemmx dubju li l-pagament huwa forma ta` rikonoxximent tad-dejn li jimporta rinunzja ghall-preskrizzjoni (Kollez. Vol. XLIII.II.744; Vol. XLV.II.632). F`dan il-kaz, pero`, il-pagament ma sarx mid-debitur, izda minn terza persuna. It-terza persuna, pero`, m`ghamlitx il-pagamenti min wara dahar jew kontra r-rieda tas-socjeta` konvenuta, izda wara li giet hekk delegata minnha. Il-Qorti tista tifhem li hlas ta` terza persuna ghal debitu ta` haddiehor, m`ghandux ikun ta` pregjudizzju ghad-drittijiet tad-debitur, pero`, meta t-terza persuna thallas, <u>wara delega li ssirilha mid-debitur</u>, il-hlas li taghmel din it-terza persuna ghandu jitqies daqs li kieku jkun sar mid-debitur stess. Altrimenti, debitur jista` jiddeliga terz biex dan jaghmel xi pagamenti lill-kreditur, u wara xi pagamenti jirtira d-delegazzjoni u jecepixxi l-preskrizzjoni billi jghid li hu innifsu qatt m`ghamel pagament! Il-Qrati m`ghandhomx jaccettaw agir abusiv bhal dan.

L-artikolu 2134 tal-Kodici Civili jghid li l-preskrizzjoni hi interrotta anke meta jsir hlas *"minn wiehed li jkun jidher ghalih"*, u persuna li tkun giet delegata thallas mid-debitur, tkun qed thallas <u>ghad-debitur</u>. F`dan il-kaz, is-socjeta` konvenuta, baqghet id-debitur principali nonostante d-delega li hi ghamlet, u kwindi l-pagamenti li saru ghaliha servew biex interrompew il-preskrizzjoni.

L-ahhar pagament jidher li sar fil-31 ta` Lulju, 2001, jekk mhux fil-25 ta` Frar, 2002, u minn dik id-data sakemm gietipprezentata din il-kawza fit-12 ta` Mejju, 2003, ma ghaddewx sentejn; kwindi l-preskrizzjoni eccipita m`ghandhix tintlaqa`.

Dwar l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma hemmx kontestazzjoni u hu pruvat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, wara li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati, inkluzi dik ulterjuri tal-preskrizzjoni, tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm7,896.06 (seba t`elef, tmien mija u sitta u disghin liri Maltin u sitt centezmi), bl-imghax legali mill-21 ta` Ottubru, 1999, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------